**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 17 ta' Novembru, 2016

Rikors Nru : 187/16 AL

**A B**
**Vs**
**C B nee` F**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta:

1) Illi huwa zzeweg lil intimata C B, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 448976M, fit-tmintax (18) ta' Marzu tas-sena elf, disa mija, erba' u disghin (1994) fil-Knisja tal-Madonna tal-Herba ta' Birkirkara, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta (260/1994), u dan kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A';

2) Illi l-kontendenti partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt li kien gie ippublikat min-Nutar Dottor Rueben Debono

fl-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012), vera kopja fotostatika qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'B';

3) Illi l-kontendenti partijiet minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal li jisimhom Calvin Luke u Owen li ghandhom rispettivament sittax (16) u hdax (11)-il sena u li hemm ftehim bejn il-kontendenti rigward il-manteniment li jitolbu u jircievu minghand xulxin;

4) Illi r-rikorrent kkonkluda li m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni;

5) Illi skont kif jindika l-kuntratt hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'B', illum il-gurnata ghaddew aktar minn erbgha (4) snin mid-data tas-separazzjoni legali tal-kontendenti partijiet;

6) Illi in vista ta' dak premess, jikkonkoru l-kriterji kollha rikjesti mil-ligi ghall-halla taz-zwieg odjern u ghad-divorzju tal-partijiet.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex :

a) tiddikjara z-zwieg odjern mahlul u sussegwentement tippronunzja li l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti kollha tal-Ligi, u
b) tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Qorti, javza` lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex jirregistrah skont il-ligi fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Lulju 2016 ;

Semghet lill-intimata tiddikjara waqt is-seduta tal-11 ta' Ottubru, 2016 illi r-rikorrenti ghad fadallu jhallasha pagament ta' manteniment;

Semghet lill-intimata tiddikjara l-qorti llum li r-rikorrent issa hallasha l-ammont kollu dovut minnu;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrent irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul ;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat illi r-rikorrenti pprova li l-partijiet ilhom legalment separati mill-21 ta’ Marzu 2012 izda de facto separati ghal aktar minn erba` snin ;

Illi r-rikorrent ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.